TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Capt. Carmel Scicluna u Kris Scicluna

vs

Renald Scerri

CCT 39/21/MS

15 ta' Dicembru 2021

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti fejn talbu r-rifuzjoni ta' seba mija u hamsin Euro (€750.00), depozitu mhallas bhala parti minn somma akbar ghal xoghol ta' ghamara li kellu jitlesta skond ftehim bejn il-partijiet, liema xoghol baqa' ma tlestiex.

Ra illi l-kovenut, debitament notifikat, ma ghamilx risposta u lanqas ma deher quddiem it-Tribunal.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Irrizulta mill-provi illi f'Mejju 2020 ir-rikorrenti gabu stima ghal xoghol ta' ghamara minghand il-konvenut, u f'Gunju 2020 thallas depozitu ta' €750.00 bhala parti minn somma akbar ta' €1750, bi ftehim illi x-xoghol kellu jitlesta fi zmien hmistax. F'Lulju 2020 ix-xoghol kien ghadu ma tlestiex u r-rikorrenti tilfu kull kuntatt mal-konvenut, tant u hekk illi anke l-*mobile phone* tieghu kien ikun mitfi kull darba li cemplu. Ir-rikorrenti spiccaw anke marru l-workshop tal-konvenut, pero' l-lavranti qalulhom illi l-konvenut ma baqax imur hemm. Wara diversi tentattivi, anke permezz ta' ittra registrata, f'Novembru 2020 il-konvenut ghamel kuntatt mar-rikorrenti u talbabhom cans iehor sabiex jlesti x-xoghol sal-20 ta' Novembru 2020, izda ghal darba'ohra ma zammx kellmtu u ghalhekk ma kellhomx ghazla ohra hlief li jirrikorru ghal dawn il-proceduri.
Ir-rikorrenti pprezentaw wkoll il-ftehim bil-miktub illi jikkorrobora dak kollu illi xehedu, liema ftehim jidher lil huwa ffirmat ukoll mill-konvenut.

Illi l-konvenut qatt ma deher quddiem it-Tribunal u m'ghamilx risposta. Dan ma jawgura

xejn tajjeb u jkompli jikkonferma l-inadempjenza u n-nuqqas ta' professjonalita' tal-konvenut. Apparti l-fatt illi x-xhieda tar-rikorrenti ma giet bl-ebda mod kontradetta, t-Tribunal m'ghandux dubju illi dak kollu li qalu r-rikorrenti huwa verosimili, kif anke korroborat mid-dokumenti esebiti.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' talba tar-rikorrenti u jikundanna lill-konvenut ihallashom is-somma ta' seba mija u hamsin Euro. Bl-ispejjes kontra l-konvenut.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru